# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.5

## Kap 5: Ngħinu bil-qalb

## Lezzjoni 5.5: Min jagħmilna ferħanin tassew

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jisimgħu l-istorja tad-Dixxipli ta' Għemmaws.
2. Janalizzaw kif Ġesù għen lil dawn id-dixxipli fit-triq lejn Għemmaws.
3. Jagħrfu kif dawn id-dixxipli għarfu lil Ġesù mill-qsim tal-ħobż.
4. Iqabblu din l-istorja mal-ħajja tagħhom.

## Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:

- Preżentazzjoni *(power point)* bl-istorja ta' Għemmaws.
- Karta ta TAĦRIĠ 5.4 (mill-Ktieb tal-Attivitajiet)
- Jesus Christ Appears on the Road to Emmaus https://www.youtube.com/watch?v=8YlzWPPiH4A



- Emmaus (cartoons)

  https://www.youtube.com/watch?v=zgLCQMO8bgQ

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Introduċi l-lezzjoni billi tispjega lill-istudenti x'kien Għemmaws: raħal viċin Ġerusalemm. Hawnhekk tista' tuża mappa tal-Art Imqaddsa fi żmien Ġesù.
- Ara x'jafu l-istudenti dwar l-istorja ta' Għemmaws. Tagħmel sens jekk din il-lezzjoni ssir wara l-Għid ħalli dawk li jmorru l-quddies ikunu semgħuha fil-quddiesa.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Għid lill-istudenti li Għemmaws kien post ftit bogħod minn Ġerusalemm. Id-dixxipli kienu sejra lura Emmaus wara li miet Ġesù.
- Huma riedu li Ġesù jqum, imma kienu ddiżappuntati għax ma kienx qam u huma m'emmnux lin-nisa li qalulhom li Ġesù kien qam.
- Ġesù ltaqa' magħhom fit-triq u beda jitkellem magħhom imma huma m'għarfuhx. Għarfuh meta hu bierek il-ħobż u sparixxa.
- Malli ndunaw li kien Ġesù mtlew b'ferħ kbir u marru lura Ġerusalemm jgħidu lil sħabhom.
- Stieden lill-istudenti jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.4 u spjega s-silta mogħtija.
- Irrevedi l-istorja permezz ta' Attività A u stieden l-istudenti jpinġu l-istampa.



- Aqra Attività 2 u stieden lill-istudenti jimlew is-sentenzi bil-kliem addattat.
- Iddiskuti Attività 3 u enfasizza l-punt tal-fatt li rridu nitgħallmu nistennew. Irid ikollna s-sabar li nistennew.
- Spiċċa l-lezzjoni billi turi l-klipp

  https://www.youtube.com/watch?v=8YlzWPPiH4A

  jew il-cartoons.

  https://www.youtube.com/watch?v=zgLCQMO8bgQ

- Tista' tuża wieħed fil-bidu u l-ieħor fl-aħħar.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Emmaws kien post ftit 'il bogħod minn Ġerusalemm.
2. Id-dixxipli kienu nkwetati fi triqhom lejn Emmaws.
3. Ġesù kien miet u huma ppretendew li kellu jqum u ma kienx qam.
4. Ġesù ltaqa' magħhom fit-triq imma huma m'għarfuhx.
5. Għarfuh meta daħlu magħkom u bierek il-ħobż u sparixxa.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li bil-mod il-mod qegħdin jitgħallmu jistennew u mhux iridu kollox dak il-ħin li jiġihom f'moħħhom.




## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Jesus Christ Appears on the Road to Emmaus:

https://www.youtube.com/watch?v=8YlzWPPiH4A

Emmaus: (cartoons)

https://www.youtube.com/watch?v=zgLCQMO8bgQ



## Nitolbu:



Mulej Ġesù, nitolbuk tifitħilna moħħna u qalbna għat-tagħlim tiegħek. Għinna nħossuna ferħanin għax nafu li int dejjem magħna f'kull mument ta' ħajjitna.